MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Numru 1008/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**vs**

**CARMEN SALIBA**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Carmen Saliba ta' 46 bint George Saliba u Maria xebba Ellul, imwielda l-Pieta' nhar is-7 t'Ottubru, 1964 u residenti fil-fond numru 20, Elissa, Triq Schembri, Hamrun u detentrici tal-karta tal-identita' numru 515164(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

Fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Gunju w sbieh l-20 ta' Gunju, 2011 gewwa dawn il-gzejjer :-

1. Ikkommettiet serq ta' oggetti ghad-dannu ta' John Camilleri u/jew ta' persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda mhux aktar minn mitejn tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u kif ukoll huwa aggravat bil-hin;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommettiet serq ta' bombu/vazun ghad-dannu ta' Maria Concetta Green u/jew ta' persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda mhux aktar minn mitejn tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u kif ukoll huwa aggravat bil-hin;

3. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

4. Ikkommettiet reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mag. Dr. D. Clarke LL.D.) b'sentenza moghtija nhar it-12 t'Awwissu, 2010 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula.

F'kas ta' htija, il-Prosekuzzjoni titlob li tqis lill-imputata bhala li saret recediva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 t'Awwissu, 2011 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-1 ta’ Marzu, 2012 l-imputata ddikjarat li ma’ kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-1 ta’ Marzu, 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat-l-Artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(f), 270, 285 u 334 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha tmintax(18)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum u tordna inoltre li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija fil-konfronti tal-imputata fit-12 ta’ Awissu 2010 jigi estiz ghal tlett (3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------